**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 21 TA' MARZU, 2002**

**Numru: 3**

**Avviz Nru: 201/02 AE**

**The Golden Sheperd Group Ltd**

**Vs**

**Martin Tabone**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u sebgha u sebghin lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm277.67), bilanc mhux imhallas ghall-servizz u kura medika moghtija lill-konvenut.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat naqas milli jikkontesta l-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u milli jidher ghas-seduti tal-15 ta' Marzu 2002 u tal-lum.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa’ t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mitejn u sebgha u sebghin lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm277.67), bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**